

Brussell, 6 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10150/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0156 (NLE)

ECOFIN 637
CADREFIN 332
UEM 172
FIN 513

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Spanja

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta'...

dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Spanja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikulari l-Artikolu 20 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

Billi:

- (1) It-tifqigħa tal-COVID-19 kellha impatt ta' tfixkil fuq l-ekonomija ta' Spanja. Fl-2019, il-prodott domestiku gross (PDG) *per capita* ta' Spanja kien ta' 84,8 % tal-medja tal-Unjoni. Skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2021 tal-Kummissjoni, il-PDG reali ta' Spanja naqas b'10,8 % fl-2020 u huwa mistenni li jonqos b'5,6 % b'mod kumulattiva fl-2020 u l-2021. L-aspetti fit-tul b'impatt fuq il-prestazzjoni ekonomika fuq terminu medju jinkludu r-rata għolja ta' qgħad u s-sehem għoli ta' ħaddiema b'kuntratti temporanji; stokks kbar ta' dejn estern, privat u tal-gvern; tkabbir strutturalment baxx fil-produttività; u nuqqas ta' investment.

(2) Fid-9 ta' Lulju 2019 u fl-20 ta' Lulju 2020, il-Kunsill indirizza rakkomandazzjonijiet lil Spanja fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. B'mod partikolari, fil-qasam tal-finanzi pubbliċi, il-Kunsill irrakkomanda li Spanja tippreserva s-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet, issaħħaħ l-oqfsa fiskali u tal-akkwist pubbliku fil-livelli kollha tal-gvern, tiegħu l-miżuri kollha neċessarja biex tiġi indirizzata b'mod effettiv il-pandemija u tissaħħaħ ir-reżiljenza u l-kapaċità tas-sistema tas-saħħa, issostni l-ekonomija u tappoġġa l-irkupru li jirriżulta, u, meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jippermettu, issegwi politiki fiskali mmirati lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq terminu medju u l-iżgurar tas-sostenibbiltà tad-dejn, filwaqt li ssaħħaħ l-investment. Fil-qasam tal-impjiegi, il-Kunsill irrakkomanda li Spanja trawwem tranżizzjonijiet lejn kuntratti indefiniti, tappoġġa l-impjiegi permezz ta' arranġamenti biex jiġu ppreservati l-impjiegi, inċentivi effettivi għar-reklutaġġ u l-iżvilupp tal-ħiliet, u ssaħħaħ il-kapaċità tal-impjiegi u tas-servizzi soċjali, kif ukoll il-protezzjoni għall-qgħad, notevolment għall-ħaddiema atipiċi. Fil-qasam tal-edukazzjoni u l-ħiliet, il-Kunsill irrakkomanda li Spanja ttejjeb l-aċċess għat-tagħlim diġitali, tnaqqas it-tluq bikri mill-iskola, ittejjeb ir-riżultati edukattivi u żżid il-kooperazzjoni bejn l-edukazzjoni u n-negozju bil-ħsieb li jittejjeb il-forniment tal-ħiliet u l-kwalifiki rilevanti għas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari għat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. Fil-qasam tal-politiki soċjali, il-Kunsill irrakkomanda li Spanja ttejjeb l-appoġġ għall-familji, tindirizza d-diskrepanzi fil-kopertura fl-iskemi ta' introjtu minimu u tnaqqas il-frammentazzjoni tal-assistenza nazzjonali għall-qgħad. Fil-qasam tal-investment, il-Kunsill irrakkomanda li Spanja tforni bil-quddiem proġetti maturi ta' investment pubbliku, tippromwovi l-investment privat u tiffoka l-investment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq it-trawwim tar-riċerka u l-innovazzjoni, il-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija, l-infrastruttura tal-enerġija u l-interkonnnessjonijiet mal-bqija tal-Unjoni, l-infrastruttura tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija, il-ġestjoni tal-ilma u tal-iskart u t-trasport sostenibbli.

Fil-qasam tal-klima tan-negozju, il-Kunsill irrakkomanda li Spanja tkompli l-implimentazzjoni tal-liġi dwar l-unità tas-suq u li tiżgura l-implimentazzjoni effettiva ta' miżuri li jipprovdu likwidità lill-intrapriżi żgħir u ta' daqs medju (SMEs) u lil dawk li jaħdmu għal rashom, anki billi jiġu evitati ħlasijiet tard. Fl-aħħar, fil-qasam tal-amministrazzjoni pubblika, il-Kunsill irrakkomanda li Spanja ttejjeb il-koordinazzjoni bejn il-livelli differenti tal-gvern. Wara li vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fiż-żmien tal-preżentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP), il-Kummissjoni tikkonstata li nkiseb progress sostanzjali fir-rigward tar-rakkomandazzjoni speċifika dwar it-teħid tal-miżuri kollha meħtieġa f'konformità mal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir biex tiġi indirizzata b'mod effettiv il-pandemija, tiġi sostnuta l-ekonomija u jiġi appoġġat l-irkupru li jirriżulta.

- (3) Fit-2 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni ppubblikat rieżami fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ għal Spanja. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li Spanja qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi li għandhom rilevanza transfruntiera, b'mod partikolari vulnerabbiltajiet relatati ma' dejn estern u intern għoli, kemm il-gvern kif ukoll is-settur privat, fil-kuntest ta' rata għolja ta' qgħad.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

- (4) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro irakkomandat li l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro jieħdu azzjoni, inkluż permezz tal-RRP tagħhom, biex, fost l-oħrajn, jiżguraw pożizzjoni ta' politika li tappoġġa l-irkupru u jtejbu ulterjorment il-konverġenza, ir-reżiljenza u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill irakkomandat ukoll li l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro issaħħu l-oqfsa tal-istituzzjonijiet nazzjonali, jiżguraw l-istabilità makrofinanzjarja u jlestu l-unjoni ekonomika u monetarja u jsaħħu r-rwol internazzjonali tal-Euro..
- (5) Fit-30 ta' April 2021, Spanja ppreżentat l-RRP tagħha lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Din il-preżentazzjoni segwiet proċess ta' konsultazzjoni, imwettaq f'konformità mal-qafas legali nazzjonali, bl-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, sħab soċjali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Is-sjieda nazzjonali tal-RRP tirfed l-implimentazzjoni b'suċċess tagħhom u l-impatt dejjiemi tagħhom fil-livell nazzjonali u l-kredibilità fil-livell Ewropew. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.

- (6) L-RRPs jenħtieġ li jsegwu l-objettivi ġenerali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbiliti bir-Regolament (UE) 2021/241 ("il-Faċilità") u tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094¹ sabiex jiġi appoġġat l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19. Jenħtieġ li jippromwovu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi jikkontribwixxu għas-sitt pilastru msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (7) L-implimentazzjoni tal-RRPs tal-Istati Membri ser tikkostitwixxi sforz ikkoordinat li jinvolvi riformi u investimenti fl-Unjoni kollha. Permezz ta' implimentazzjoni kkoordinata u simultanja u l-implimentazzjoni ta' proġetti transfruntiera u transnazzjonali, tali riformi u investimenti ser isaħħu lil xulxin b'mod reċiproku u jiġġeneraw effetti konsegwenzjali pożittivi madwar l-Unjoni. Għalhekk, madwar terz tal-impatt tal-Faċilità fuq it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi tal-Istati Membri ser jiġi minn effetti konsegwenzjali minn Stati Membri oħra.

Rispons bilanċjat li jikkontribwixxi għas-sitt pilastru

- (8) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(a) u mal-kriterju 2.1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP jirrappreżenta fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) rispons komprensiv u bilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod xieraq għas-sitt pilastru kollha msemmija fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, filwaqt li jitqiesu l-isfidi speċifiċi ffaċċjati mill-Istat Membru kkonċernat u l-allokkazzjoni finanzjarja għalih.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jstabbilixxi l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 23).

(9) Flimkien mal-koezzjoni soċjali u territorjali u l-bilanċ bejn il-ġeneri, il-pilastru ta' tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali huma l-linji ta' azzjoni trasversali ewlenin fl-RRP, u huma mirfuda minn riformi u investimenti rilevanti. Il-komponenti ekoloġiċi tal-RRP jinkludu miżuri rilevanti biex jappoġġaw, inter alia, il-mobilità sostenibbli, ir-rinnovazzjoni tal-bini, il-bijodiversità (inkluża t-trasformazzjoni tas-sistemi agroalimentari u tas-sajd u l-preservazzjoni tal-ekosistemi li tintegra l-adattament għat-tibdil fil-klima), l-ekonomija ċirkolari, il-ġestjoni tal-ilma u tal-iskart, l-infrastrutturi tal-enerġija u tat-trasport u l-enerġija rinnovabbli (inkluż l-idroġenu ekoloġiku). It-tranżizzjoni ekoloġika hija preżenti fl-RRP kollu, minn oqsma bħall-modernizzazzjoni tas-sistema fiskali (li tinkludi miżuri dwar it-tassazzjoni ekoloġika) għal miżuri li jappoġġaw il-ħiliet u l-impjiegi għat-tranżizzjoni ekoloġika. Fir-rigward tal-pilastru diġitali, il-pjan għall-RRP jinkludi għadd ta' komponenti li jenħtieġ li jikkontribwixxu direttament għat-trasformazzjoni diġitali tal-pajjiż b'impatt dejjiemi. L-investimenti sostanzjali jenħtieġ li jappoġġaw l-infrastrutturi diġitali (inklużi l-konnettività, iċ-ċibersigurtà u l-5G); il-proċess tad-diġitalizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tas-setturi produttivi u l-SMEs, id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, inklużi s-sistemi tal-ġustizzja u tas-saħħa, u l-akkwizzizzjoni tal-ħiliet diġitali (li jkopru l-edukazzjoni formali, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u t-tagħlim tul il-ħajja).

- (10) Il-biċċa l-kbira tal-komponenti fl-RRP huma mistennija jikkontribwixxu għall-pilastru dwar it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, b'firxa wiesgħa ta' miżuri li għandhom l-għan li jsaħħu l-kompetittività u l-produttività, u jsaħħu r-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni. Il-komponenti rilevanti fil-qasam tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv jinkludu dawk dwar il-politika industrijali, l-appoġġ għall-SMEs, l-appoġġ għas-settur tat-turiżmu, l-appoġġ għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni. Tmintax mit-tletin komponent fl-RRP jikkontribwixxu speċifikament għall-pilastru tal-koeżjoni soċjali u territorjali, b'miżuri li jirrinforzaw il-mobilità interreġjonali sostenibbli, l-oportunitajiet edukattivi fiż-żoni rurali permezz ta' mezzi diġitali, l-investimenti fl-akkomodazzjoni soċjali, l-immodernizzar u t-tiżni tas-servizzi soċjali u l-politiki ta' inklużjoni, u l-immodernizzar tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol. Miżuri bil-għan li jestendu l-użu ta' kuntratti indefiniti fis-suq tax-xogħol jew li għandhom l-għan li jwasslu għal tassazzjoni aktar ekwa huma mistennija li jkollhom impatt konsiderevoli fuq il-koeżjoni soċjali. Sabiex tibni fuq il-pilastru tal-koeżjoni territorjali msemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-implimentazzjoni tal-Faċilità jenħtieġ li jkollha l-għan li tnaqqas id-disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni varji u r-ritard ta' dawk ir-reġjuni li huma inqas favoriti fi Spanja. Il-kontribut tal-Faċilità għall-iżvilupp tal-Gżejjer Kanarji, reġjun ultraperiferiku tal-Unjoni b'restrizzjonijiet permanenti li għandhom jiġu indirizzati permezz ta' miżuri mfassla apposta, jeħtieġ attenzjoni partikolari f'konformità mal-Artikolu 349 tat-Trattat.

- (11) Bosta komponenti fl-RRP jenħtieġ li jappoġġaw il-pilastru dwar is-saħħa, ir-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali. Pereżempju, il-komponenti dwar ir-rinfurzar tas-sistema tas-saħħa u l-modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika jfittxu li jsaħħu r-reżiljenza f'dawn iż-żewġt oqsma, filwaqt li r-riformi li jimmodernizzaw is-sistema tata-taxxa anki permezz tal-prevenzjoni tal-frodi tat-taxxa, u l-iffukar fuq infiq aktar effettiv maħsub biex jagħti spinta lir-reżiljenza ekonomika u soċjali. Miżuri oħra jsaħħu l-kapaċità tal-pajjiż li jippreserva l-kapital naturali tiegħu u jirreaġixxi għal diżastri naturali. Il-pilastru dwar il-politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss huwa appoġġat permezz ta' miżuri fl-edukazzjoni pereż. billi tiġi estiża l-offerta fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, il-ħiliet diġitali pereż. billi jiġi indirizzat id-distakk diġitali għal studenti vulnerabbli u s-suq tax-xogħol pereż. permezz ta' pjan ta' azzjoni ġdid kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh. Hija tipprevedi wkoll l-approvazzjoni ta' liġi dwar id-diversità tal-familja li tinkludi rieżami tal-benefiċċji tal-familja bil-għan li jitnaqqas il-faqar fost it-tfal.

L-indirizzar tal-isfidi kollha jew ta' subsett sinifikanti ta' sfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż

- (12) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(b) u mal-kriterju 2.2 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni li jikkontribwixxi biex jindirizza b'mod effettiv subsett sinifikanti ta' sfidi (Klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lil Spanja, inklużi l-aspetti fiskali tagħhom, u r-rakkomandazzjonijiet li saru skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 jew l-isfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħra adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

- (13) Ir-rakkomandazzjonijiet relatati mar-rispons immedjat tal-politika fiskali għall-pandemija jistgħu jitqiesu li jaqgħu barra mill-ambitu tal-RRP ta' Spanja, minkejja li Spanja ġeneralment wiegħbet b'mod adegwat u suffiċjenti għall-ħtieġa immedjata li l-ekonomija tiġi appoġġata permezz ta' mezzi fiskali fl-2020 u fl-2021, f'konformità mal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Barra minn hekk, ir-rakkomandazzjoni biex isir progress suffiċjenti lejn l-oġettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2020 ma għadhiex rilevanti, kemm minħabba l-iskadenza tal-perjodu baġitarju korrispondenti kif ukoll minħabba l-attivazzjoni f'Marzu 2020 tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19.
- (14) L-RRP jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li jikkontribwixxu biex jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lil Spanja mill-Kunsill fis-Semestru Ewropew fl-2019 u fl-2020, jew subsett sinifikanti minnhom, b'mod partikolari dawk fl-oqsma tal-impjiegi, bħas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u l-kapaċità tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi; l-edukazzjoni u l-ħiliet, bħat-tluq bikri mill-iskola u l-ħiliet rilevanti għas-suq tax-xogħol, inkluż il-ħiliet diġitali; politiki soċjali, bħal skemi ta' introjtu minimu, assistenza għall-qgħad u appoġġ għall-familja; l-investment, bħall-investment fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, is-setturi strateġiċi u r-riċerka u l-innovazzjoni; il-klima tan-negozju, bħal-liġi dwar l-unità tas-suq, il-pagamenti tard u l-qafas tal-insolvenza; l-amministrazzjoni pubblika u l-akkwist pubbliku.

- (15) L-RRP jinkludi riformi leġislattivi biex jitnaqqas l-użu ta' kuntratti temporanji fis-setturi privati u pubbliċi, billi jiġi ssimplifikat il-menu tal-kuntratti u jiġi ġeneralizzat l-użu ta' kuntratti indefiniti. Ir-riformi u l-investimenti fil-qasam tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol jenħtieġ li jagħtu prijorità lill-gruppi vulnerabbli, b'mod partikolari permezz tal-pjan ta' azzjoni kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh u r-razzjonalizzazzjoni tal-inċentivi għar-reklutaġġ. Dawn l-azzjonijiet jenħtieġ li jiġu appoġġati permezz tad-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, bil-għan li jingħata appoġġ aktar effettiv lil dawk li qed ifittxu impjeg u lill-ħaddiema fi tranżizzjoni.
- (16) Fuq il-bażi tal-esperjenza miksuba bi skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, l-RRP għandu wkoll l-għan li jstabbilixxi mekkaniżmu ġdid ta' flessibbiltà u stabbilizzazzjoni biex jipprovi flessibbiltà interna lid-ditti u stabbiltà lill-ħaddiema fil-konfront ta' xokkijiet ċikliċi jew strutturali, b'enfasi speċjali fuq it-taħriġ. Il-mekkaniżmu jenħtieġ li jiżgura titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid u jiffaċilita l-mobilità volontarja tal-ħaddiema, fid-ditti u bejniethom, bil-ħsieb li tiġi indirizzata r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż dwar il-preservazzjoni tal-impjiegi.
- (17) L-RRP jinkludi riformi tas-suq tax-xogħol li huma soġġetti għall-eżitu tal-proċess ta' djalogu soċjali u li għalhekk it-tfassil finali tagħhom għad irid jiġi determinat. Dawn ir-riformi jenħtieġ li jkunu parti minn pakkett komprensiv li jappoġġa l-ħolqien tal-impjiegi u r-riallokazzjoni u jindirizza s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol. L-istadji importanti jenħtieġ li jispeċifikaw li dawn ir-riformi jenħtieġ li jitwettqu b'mod li jirrispetta d-djalogu soċjali u b'ħala parti minn approċċ komprensiv li jibbilanċja l-ħtieġa għall-flessibbiltà u s-sigurtà fis-suq tax-xogħol. Dan japplika b'mod partikolari għall-mekkaniżmu l-ġdid ta' flessibbiltà u stabbilizzazzjoni u għar-riforma tan-negozjar kollettiv.

- (18) Il-ħolqien ta' 135 000 post ġdid ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali u l-akkreditazzjoni formali tal-ħiliet professjonali miksuba permezz tal-esperjenza tax-xogħol u t-taħriġ mhux formali, fost investimenti u riformi oħra fil-qasam tal-ħiliet, għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-forniment ta' ħiliet u kwalifiki rilevanti għas-suq tax-xogħol li jenħtieġ li jakkumpanjaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tal-pajjiż. Fil-qasam tal-edukazzjoni, il-ħolqien ta' 1 000 unità ta' servizz biex jappoġġaw studenti vulnerabbli u l-implimentazzjoni ta' programm għall-appoġġ u l-gwida ta' studenti bi prestazzjoni baxxa għandhom l-għan li jipprevjenu t-tluq bikri mill-iskola. Barra minn hekk, l-aċċess għat-tagħlim diġitali huwa mistenni li jissaħħaħ b'mod sinifikanti permezz ta' investimenti f'apparati u ħiliet, kif ukoll permezz tal-iżvilupp ta' korsijiet online.
- (19) L-RRP jinkludi riforma biex ikompli jittejjeb it-tfassil tal-iskema nazzjonali ta' introjtu minimu u jipprevedi investiment fi proġetti pilota biex tiġi appoġġata l-integrazzjoni soċjali u fis-suq tax-xogħol tal-benefiċjarji tagħha permezz ta' perkorsi ta' attivazzjoni. Iż-żewġ miżuri għandhom l-għan li jindirizzaw ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż rilevanti. Riformi oħra bħal-liġi l-ġdida dwar il-familji, il-modernizzazzjoni tas-servizzi soċjali u s-simplifikazzjoni u t-titjib tal-assistenza għall-qgħad huma mistennija li jappoġġaw l-indirizzar ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li ilhom jeżistu fil-politiki soċjali.

- (20) L-investiment pubbliku mwettaq mill-RRP huwa mistenni li jimmobilizza l-investiment privat f'diversi setturi, inklużi l-enerġija u t-trasport sostenibbli u nodfa, ir-rinnovazzjoni tal-bini, is-settur agroalimentari, is-sajd, u s-saħħa u t-teknoloġiji diġitali ewlenin, u b'hekk jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fil-qasam tal-investiment. Riformi bħal-liġi dwar il-ħolqien u t-tkabbir tan-negozju, li jenħtieġ li jrawmu kultura ta' hłas bikri u jneħħu ostakli regulatorji mhux meħtieġa u sproporzjonati, huma mistennija li jtejbu l-klima tan-negozju. Sadanittant, l-adozzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali tal-Akkwist Pubbliku hija maħsuba biex tagħmel l-akkwist pubbliku aktar effiċjenti. L-RRP huwa mistenni wkoll li jikkontribwixxi għat-titjib tal-effettività tal-politiki tar-riċerka u l-innovazzjoni b'miżuri li jfittxu li jirrinforzaw il-governanza tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-livelli kollha u jorganizza mill-ġdid l-organizzazzjonijiet ta' riċerka pubblika mwettqa fis-sistema tal-universitajiet, fost miżuri oħra. Il-miżuri jfittxu wkoll li jsaħħu l-koordinazzjoni bejn il-livelli differenti ta' gvern, anki billi jiżguraw l-interoperabbiltà bejn il-pjattaformi tal-IT tal-gvern ċentrali u regionali.

- (21) Biex jiġu indirizzati l-isfidi fil-qasam tal-finanzi pubbliċi, l-RRP jinkludi miżuri bil-ħsieb li tissaħħaħ il-governanza tas-sistema ta' rieżami tal-infiq u l-impenn li jimplementa riformi li jirriżultaw minn rieżamijiet tal-infiq preċedenti u riforma tas-sistema tat-taxxa. Dan tal-aħħar jenħteġ li jsir wara li kumitat ta' esperti tat-taxxa joħroġ rakkomandazzjonijiet dwar kif tista' tittejjeb is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi u l-effiċjenza. F'dan il-kuntest, is-sistema ta' appoġġ għall-familja jenħteġ li tkun rieżaminata bil-ħsieb li tittejjeb l-effettività tagħha. Barra minn hekk, l-RRP jinkludi miżuri sinifikanti fil-qasam tal-kura tas-saħħa, inklużi investimenti f'taġġmir ta' teknoloġija għolja, biex jappoġġaw l-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż dwar ir-reżiljenza u l-kapaċità tas-sistema tas-saħħa.
- (22) Fl-aħħar nett, l-RRP jinkludi riforma tas-sistema tal-pensjonijiet bil-għan li jinżammu l-adekwatezza u s-sostenibbiltà fit-tul tagħha. Xi wħud mill-miżuri, bħal sistema ta' indiċjar riveduta, inċentivi għall-irtirar tard u bidliet regolatorji li jikkonċernaw l-irtirar kmieni, jenħteġ li jiġu diskussi fil-kuntest tad-djalogu soċjali. It-tfassil finali ta' din ir-riforma u riformi oħra li qed jiġu diskussi mas-sħab soċjali, bħall-mekkaniżmu l-ġdid għall-flessibbiltà u l-istabbiltà fis-suq tax-xogħol, jenħteġ li jkunu kompatibbli mas-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju sa twil tal-finanzi pubbliċi.
- (23) Billi jindirizza l-isfidi msemmija hawn fuq, l-RRP huwa mistenni li jikkontribwixxi wkoll għall-korrezzjoni tal-iżbilanċi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 fl-2019 u 2020 li Spanja qed tesperjenza, b'mod partikolari fir-rigward ta' dejn estern u intern għoli, kemm tal-gvern kif ukoll privat, f'kuntest ta' qgħad għoli.

Kontribut għall-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali

- (24) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(c) u mal-kriterju 2.3 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-pjan għall-RRP huwa mistenni li jkollu impatt qawwi (Klassifikazzjoni A) fuq it-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali ta' Spanja, filwaqt li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażaġh, u fuq it-taffija tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, u b'hekk isaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-konverġenza fl-Unjoni.
- (25) Simulazzjonijiet mis-servizzi tal-Kummissjoni juru li l-RRP, flimkien mal-bqija tal-miżuri tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru, għandu l-potenzjal li jżid il-PDG ta' Spanja bejn 1,8 % u 2,5 % sal-2024, minbarra l-possibbiltà ta' impatt pożittiv tar-riformi strutturali, li jista jkun wieħed sostanzjali. It-taħlita ta' investimenti u riformi ppreżentata minn Spanja hija mistennija li tistimula t-tkabbir ekonomiku permezz ta' diversi kanali, inkluż titjib fil-produttività totali tal-fatturi, spinta lill-kapaċità ta' kummerċ u l-ħiliet, it-tneħħija tal-ostakli għall-investiment u ż-żieda ta' kisbiet fl-effiċjenza fis-suq tax-xogħol. B'mod partikolari, ir-riformi u l-investimenti fl-oqasma tal-edukazzjoni u l-ħiliet, id-diġitalizzazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni huma mistennija jagħtu l-akbar kontribut għat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi.

(26) Ir-riformi u l-investimenti deskritti fl-RRP għandhom il-potenzjal li jindirizzaw vulnerabbiltajiet sinifikanti tal-ekonomija Spanjola relatati mas-settur estern. Pereżempju, l-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni u fit-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol u b'appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni tal-impriżi ta' daqs żgħir u medju jistgħu jżidu l-kompetittività tan-negozju. Sadanittant, l-investimenti fl-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika jistgħu jnaqqsu l-importazzjonijiet tal-enerġija. L-RRP jikkontribwixxi parzjalment għall-indirizzar tal-vulnerabbiltajiet eżistenti tal-pajjiż minn perspettiva fiskali. Il-politiki previsti li għandhom l-għan li jiggjieldu u jipprevjenu l-frodi tat-taxxa u li jiżguraw infiq pubbliku aktar effiċjenti, anki permezz ta' riformi fil-qasam tal-akkwist pubbliku, u t-tassazzjoni huma misternija li jwittu t-triq lejn it-tiħiħ tal-oqfsa fiskali u tal-akkwist pubbliku. L-RRP huwa mistenni wkoll li jnaqqas b'mod effettiv id-disparitajiet territorjali permezz ta' riformi u investimenti biex tiġi indirizzata l-isfida demografika f'żoni rurali u muniċipalitajiet żgħar, bħal investimenti ddedikati biex titjeb l-effiċjenza enerġetika fil-muniċipalitajiet b'inqas minn 5 000 abitant, jiġi skjerat broadband ultraveloċi, tingħata spinta lill-intraprenditorija fiż-żoni rurali u tiġi appoġġata tranżizzjoni ġusta fit-territorji li jkunu qed jiffaċċaw sfidi li jirriżultaw mill-proċess ta' tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima.

(27) L-RRP ippreżentat minn Spanja jinkludi miżuri li għandhom l-għan li jindirizzaw l-isfidi tal-koeżjoni soċjali identifikati f'rapporti preċedenti tal-pajjiżi u rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż lil Spanja, u mmonitorjati permezz tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali. Miżuri speċifiċi jindikaw l-indirizzar tal-vulnerabbiltajiet fis-sistema tal-protezzjoni soċjali, bħas-simplifikazzjoni u t-titjib tal-assistenza għall-qgħad, is-simplifikazzjoni tas-sistema ta' benefiċċji mhux kontributorji u r-rieżami tas-sistema tal-benefiċċji tal-familja, bil-għan li jitnaqqas il-faqar fost it-tfal. L-implimentazzjoni sħiħa tal-iskema nazzjonali ta' introjtu minimu, adottata f'Ġunju 2020, jenħtieġ li tiġi appoġġata permezz ta' proġetti pilota biex tiġi appoġġata l-inklużjoni soċjoekonomika tal-benefiċjarji tal-iskema. Barra minn hekk, l-RRP għandu l-għan li jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali u s-sistema tal-protezzjoni soċjali billi jżomm il-kapaċità tal-akkwist tal-pensjonanti maż-żmien f'konformità mal-prattiki fi Stati Membri oħra.

(28) L-RRP jippreżenta għadd ta' riformi u investimenti bil-potenzjal li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u l-Pjan ta' Azzjoni endorsjat mis-Summit ta' Porto tas-7 ta' Mejju 2021. Dawn jinkludu miżuri speċifiċi li għandhom l-għan li jtejbu l-impjegabbiltà taż-żgħażaġh, inaqqsu r-rata ta' dawk li jħallu l-iskola kmieni u jżidu aktar il-parteċipazzjoni tat-tfal fl-edukazzjoni bikrija tat-tfal u fl-indukrar tat-tfal, kif ukoll miżuri biex isaħħu l-protezzjoni soċjali kif deskritt hawn fuq. Ir-riformi previsti fil-qasam tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol jinkludu r-rieżami tal-inċentivi għar-reklutaġġ, it-tisħiħ tat-tagħlim għall-adulti u r-riforma u d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi. Dawn huma kkumplimentati bir-riformi fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u huma mistennija li jtejbu l-impjegabbiltà tal-ħaddiema u b'hekk iżidu r-rati tal-impjeg u jnaqqsu r-rati tal-qgħad. Spanja tistenna li l-RRP ser iwassal għal tnaqqis rilevanti tal-inugwaljanza fl-introjtu fuq perjodu medju-twil ta' żmien, bis-saħħa tal-ħolqien tal-impjiegi u l-kwalità tal-impjiegi, tassazzjoni aktar ġusta, protezzjoni soċjali aktar effettiva u investimenti sinifikanti fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, il-kura fit-tul, is-servizzi soċjali u l-akkomodazzjoni soċjali.

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (29) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(d) u mal-kriterju 2.4 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment inkluża fl-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali (Klassifikazzjoni A) fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ (il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti"). Skont ir-Regolament (UE) 2021/241 u l-gwida teknika pprovduta fl-Avviż tal-Kummissjoni intitolat "Gwida teknika dwar l-applikazzjoni ta' "ma tagħmilx ħsara sinifikanti" skont ir-Regolament dwar l-Irkupru u r-Reżiljenza"², Spanja pprovdiet valutazzjoni li l-ebda miżura għall-implimentazzjoni tar-riformi u l-proġetti ta' investiment inklużi fl-RRP ma hi mistennija tagħmel dannu sinifikanti lill-objettivi ambjentali.

¹ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

² ĠU C 58, 18.2.2021, p. 1.

(30) Billi jintgħażlu miżuri li jwiegħu jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-oġġettivi ambjentali, jew ma jkollhom l-ebda impatt prevedibbli jew impatt insinifikanti prevedibbli fuq l-oġġettivi ambjentali, huwa mistenni li ħafna miżuri fl-RRP huma ma jagħmlu l-ebda ħsara sinifikanti mill-bidu nett, bħal miżuri fl-edukazzjoni u t-taħriġ, is-suq tax-xogħol, l-amministrazzjoni pubblika, il-kultura u l-isport. Il-valutazzjoni pprovduta għal miżuri oħra turi li huma mfassla biex jiżguraw il-konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti". Dawn il-miżuri jinkludu skemi ta' appoġġ wiesa' li jkopru setturi u attivitajiet, pereżempju fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, u l-appoġġ għall-industrija u għall-SMEs. Spanja pprovdiet evidenza u assigurazzjonijiet li jissostanzjaw li l-miżuri jenħtieġ li ma jwasslux għal ħsara sinifikanti lil xi wieħed mis-sitt oġġettivi ambjentali, jiġifieri l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar, l-ekonomija ċirkolari, il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis, u l-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi. Fejn meħtieġ, Spanja pproponiet l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni jew inkludiet elementi speċifiċi fit-tfassil tal-miżuri biex tkun evitata ħsara sinifikanti, li jenħtieġ li jkunu żgurati permezz ta' stadji importanti u miri rilevanti. Dan huwa partikolarment il-każ għal miżuri li jappoġġaw proġetti strateġiċi li jkopru installazzjonijiet taħt l-Iskema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, attivitajiet speċifiċi ta' trattament tal-iskart, irrigazzjoni għall-produzzjoni agrikola u skemi ta' appoġġ wiesgħa li jkopru setturi u attivitajiet differenti.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

- (31) F'konformità mal- Artikolu 19(3)(4) u mal-kriterju 2.5 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP jinkludi miżuri li fil-parti l-kbira jikkontribwixxu (Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minnha. L-RRP Spanjol jinkludi miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi għal ammont li jirrappreżenta madwar 39,7 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP, ikkalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. Skont l-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament, l-RRP huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030 (National Energy and Climate Plan, "NECP").

(32) L-RRP jinkludi riformi u investimenti relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika, b'kontribut partikolarment qawwi għall-oġettivi klimatiċi li jirriżultaw mill-komponenti dwar rinnovazzjonijiet enerġetiċi fl-akkomodazzjoni u żoni urbani, il-mobilità sostenibbli u l-enerġija rinnovabbli. Il-kontribuzzjoni finanzjarja ser tippermetti li Spanja tantiċipa l-investimenti meħtieġa biex tintlaħaq l-ambizzjoni klimatika akbar tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-1990, lejn in-newtralità klimatika tal-Unjoni sal-2050, kif miftiehem b'mod proviżorju mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-qafas tal-proposta għal "Liġi Ewropea dwar il-Klima". Fir-rigward tal-effiċjenza enerġetika, il-kontribut ta' Spanja għall-mira fil-livell tal-Unjoni fin-NECP huwa li tnaqqas il-konsum tal-enerġija primarja tagħha b'39,5 %. L-RRP jistabbilixxi l-oġettiv li jkunu rinnovati mill-inqas 355 000 abitazzjoni residenzjali unika bħala parti minn mill-inqas 510 000 azzjoni ta' rinnovazzjoni, mill-inqas 600 ettaru ta' żoni urbani, ekwivalenti għal mill-inqas 40 000 binja residenzjali u 690 000 m² ta' binjiet mhux residenzjali, u mill-inqas 26 000 binja residenzjali f'muniċipalitajiet u żoni urbani b'inqas minn 5 000 abitant, u mill-inqas 1 230 000 m² ta' binjiet pubbliċi sal-31 ta' Awwissu 2026. L-investimenti fir-rinovazzjonijiet tal-enerġija ta' bini residenzjali fl-RRP jirrappreżentaw sehem sinifikanti tal-appoġġ pubbliku previst fl-NECP f'dan il-qasam. Dawn ser jikkontribwixxu għall-mira tal-iffrankar tal-enerġija sal-2030, u għall-oġettiv stabbilit fl-NECP f'termini tal-għadd ta' abitazzjonijiet li għandhom jiġu rinnovati. Madankollu, xorta ser ikun meħtieġ finanzjament pubbliku addizzjonali biex jiġi mobilizzat il-volum totali ta' investimenti meħtieġa biex jintlaħaq l-oġettiv stabbilit fl-NECP għall-2030, u biex jiġi żgurat fattur ta' ingranaġġ relattivament oġhla biex jiġu attirati investimenti privati.

Ir-riformi u l-investimenti fl-enerġija rinnovabbli jenħtieġ li jżidu b'mod sostanzjali l-iżvilupp u l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fi Spanja u jikkontribwixxu lejn il-kisba tal-mira ta' 42 % tas-sehem tal-enerġija rinnovabbli għall-2030, kif stabbilit fl-NECP. L-RRP jinkludi appoġġ għal sorsi rinnovabbli innovattivi fl-industrija u l-bini (qrib il-4 GW) u għall-enerġija rinnovabbli fil-gżejjer. Il-miżuri dwar l-infrastruttura tal-elettriku jimmiraw lejn il-promozzjoni ta' grilji intelliġenti u l-iskjerament ta' miżuri ta' flessibilità u ħżin. Għal dan il-għan, ir-riformi huma bl-intenzjoni li jstabbilixxu qafas ta' abilitazzjoni li jiffaċilita l-integrazzjoni ta' sorsi rinnovabbli fis-sistema tal-enerġija, l-użu tal-ħżin tal-enerġija, kif ukoll il-ġestjoni tad-domanda u s-servizzi ta' flessibilità. L-RRP ser jinvesti wkoll fl-idroġenu rinnovabbli u ser jikkontribwixxi għall-ambizzjoni ġenerali ta' Spanja li sal-2030 tiġi installata kapaxità tal-elettroliżi tal-idroġenu ta' 4 GW sabiex jiġi ġġenerat l-idroġenu rinnovabbli u sa 200 stazzjon tar-riforniment tal-idroġenu. Dan jenħtieġ li jikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni ta' setturi li diffiċli jittaffew, bħall-industrija u t-trasport.

(33) Il-miżuri tal-RRP jikkontribwixxu biex Spanja tilħaq il-mira kurrenti tagħha għall-2030 li tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra (greenhouse gases, GHG) b'26 % meta mqabbla mal-2005 għas-setturi skont ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, inklużi t-trasport, l-agrikoltura, l-iskart u l-bini. L-investimenti fil-mobilità sostenibbli huma mmirati biex inaqqsu l-emissjonijiet mit-trasport, is-settur fejn l-emissjonijiet tal-gassijiet serra jkomplu jikbru l-aktar. L-RRP ser jikkontribwixxi għall-ambizzjoni kumplessiva ta' Spanja li tinstalla bejn 80 000 u 110 000 punt tal-iċċarġjar u tilħaq flotta ta' mill-inqas 250 000 vettura elettrika plug-in sal-2023. Ser jipprovdi wkoll inċentivi lill-kumpaniji privati biex jissostitwixxu l-flotot tagħhom tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija b'vetturi aktar nodfa. Barra minn hekk, l-RRP ser joħloq żoni b'emissjonijiet baxxi fil-muniċipalitajiet u jħeġġeġ l-użu ta' modi ta' trasport attivi bħaċ-ċikliżmu u l-mixi kif ukoll itejjeb u jippromwovi l-użu tat-trasport pubbliku urban inkluż il-ferrovija bil-għan li jikkontribwixxi għal tnaqqis tat-traffiku privat b'35 % sal-2030 u t-tniġġis tal-arja. L-RRP jinkludi wkoll investimenti fil-bidla modali tal-merkanzija mit-triq għall-ferrovija, inkluż il-finalizzazzjoni ta' 1 400 kilometru tal-kuritur TEN-T tal-Atlantiku u tal-Mediterran, investiment f'taġġmir tat-tratturi ferrovjarji biex jaqilbu għall-idroġenu jew l-elettriku, u l-iżvilupp ta' ċentri ta' intermodalità u aċċess intejjeb għall-ferroviji għall-portijiet.

¹ Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

- (34) Fir-rigward tal-bijodiversità, l-RRP jinkludi miżuri f'konformità mal-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Bijodiversità, pereżempju l-preservazzjoni tal-bjar tal-karbonju tal-foresti ta' valur permezz ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni tan-nirien u protezzjoni msaħħa kontra n-nirien, u billi jżied l-assorbiment tas-CO₂ permezz ta' azzjonijiet ta' ġestjoni sostenibbli mtejba tal-foresti. L-investimenti fil-konservazzjoni tal-bijodiversità ta' 50 000 ettaru sat-30 ta' Ġunju 2026, inklużi l-artijiet mistagħdra, u r-restawr tal-ekosistemi, b'mira ta' konservazzjoni ta' 30 000 ettaru ta' ekosistemi sal-31 ta' Diċembru 2024, jenħtieġ li jikkontribwixxu wkoll kemm għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima kif ukoll għall-adattament għalih. Il-miżuri huma relatati wkoll mal-protezzjoni, il-konservazzjoni u r-restawr tal-ekosistemi tal-baħar u terrestri u l-bijodiversità tagħhom. Barra minn hekk, l-RRP jappoġġa l-konnettività ekoloġika u jippromwovi l-infrastruttura ekoloġika, anki f'żoni urbani.
- (35) Barra minn hekk, l-RRP jinkludi miżuri biex tittejjeb il-leġiżlazzjoni dwar il-ġestjoni tal-iskart u huwa akkumpanjat minn investimenti li jrawmu l-ekonomija ċirkolari. Il-miżuri għandhom ukoll l-għan li jtejbu l-ġestjoni tal-ilma billi jnaqqsu t-tnixxijiet tal-ilma mormi u jżidu l-użu mill-ġdid tal-ilma. L-RRP ser jinvesti wkoll fil-mitigazzjoni tar-riskju ta' għargħar u l-adattament kostali, l-irkupru u t-titjib tas-sitwazzjoni tal-ilmijiet ta' taħt l-art u tal-akwiferi, fl-effiċjenza fl-użu tal-ilma fl-agrikoltura, u fit-tnaqqis ta' tniġġis min-nitrati.

Kontribut għat-tranżizzjoni diġitali

- (36) F'konformità mal- Artikolu 19(3)(f) u mal-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP fih miżuri li fil-parti l-kbira jikkontribwixxu b'mod effettiv (Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Dawn il-miżuri jikkontribwixxu għall-objettiv diġitali għal ammont li jirrappreżenta 28,2 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP, ikkalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament (UE) 2021/241.

(37) L-RRP fih sett ta' investimenti u riformi li ser ikollhom impatt fit-tul fit-trasformazzjoni diġitali tas-setturi ekonomiċi u soċjali u jikkontribwixxu b'mod sinifikanti biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjoni diġitali. B'mod partikolari Spanja mistennija tinvesti f'oqsma b'hall-ħiliet diġitali, id-diġitalizzazzjoni tan-negozju u l-integrazzjoni tat-teknoloġġi diġitali fis-settur tan-negozju. L-azzjonijiet orizzontali li huma ta' benefiċċju għall-ekonomija u l-popolazzjoni kollha (pereż. konnettività msaħħa) huma kkumplimentati minn azzjonijiet immirati li jindirizzaw setturi speċifiċi (pereżempju it-turiżmu, l-SMEs, il-kultura, il-media) jew segmenti speċifiċi tal-popolazzjoni (pereżempju l-istudenti, il-ħaddiema taċ-ċivil, il-persuni qiegħda). L-RRP jipprevedi l-iskjerament tas-seba' pjanijiet strateġiċi fl-Aġenda Diġitali ta' Spanja tal-2025: il-pjan ta' Konnettività, l-Istrateġija ta' Promozzjoni tal-5G, l-Istrateġija Nazzjonali dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, il-Pjan Nazzjonali għall-Ħiliet Diġitali, u l-Pjan ta' Diġitalizzazzjoni għall-Amministrazzjonijiet Pubbliċi, il-Pjan għad-Diġitalizzazzjoni tal-SMEs u l-Pjan taċ-Ċentru Awdjoviżiv Spanjol. Il-miżuri diġitali inklużi fl-RRP jikkunsidraw l-Istrateġija Diġitali tal-Unjoni, l-Istrateġija Industrijali Ewropea, l-Aġenda għall-Ħiliet tal-UE, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali.

(38) L-RRP jinkludi investimenti biex jingħalaq id-distakk diġitali bejn iż-żoni urbani u rurali u biex jabilita l-potenzjal sħiħ tal-konnettività 5G. Hemm investimenti ppjanati fir-rigward tal-iskjerament tal-broadband ultraveloċi f'ċerti żoni li ma għandhomx din it-tip ta' infrastruttura, bħal żoni rurali jew f'ċentri urbani storiċi. In-network 5G ser ikun mistenni jiġi skjerat tul ċerti partijiet ta' sezzjonijiet transfruntiera ma' Franza u l-Portugall, tul il-kuritur tat-trasport nazzjonali ewlenin, f'oqsma mhux koperti mill-operaturi tal-mowbajl u f'ċerti hotspots kritiċi bħal parks kummerċjali, żoni industrijali u madwar servizzi pubbliċi fokali. Is-servizzi ta' konnettività għall-gruppi vulnerabbli u l-SMEs huma appoġġati biex jiġi estiż is-sehem ta' persuni u negozji konnessi mal-internet. L-RRP jinkludi miżuri biex jżied il-livell tal-ħiliet diġitali tal-popolazzjoni, miżuri mmirati fis-sistema edukattiva (bħad-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-għalliema, l-edukazzjoni vokazzjonali), investimenti fit-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema u ta' dawk li qed ifittxu impjieg. Barra minn hekk, l-RRP jinkludi appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tan-negozju u l-integrazzjoni ta' teknoloġiji avvanzati, b'appoġġ speċifiku għall-SMEs permezz tal-użu sostanzjali ta' "sett ta' għodod diġitali". Barra minn hekk, il-pjan jinkludi riformi u investimenti f'ħiliet diġitali avvanzati, inklużi l-intelliġenza artifiċjali u ċ-ċibersigurtà, li huma mistennija li jżidu l-fiduċja fis-servizzi u t-teknoloġiji diġitali, u jgħinu fl-adozzjoni ta' dawn l-avvanzi diġitali fuq bażi dejjiema. Fl-aħħar nett, l-RRP jinkludi pakkett komprensiv ta' riformi u investimenti biex tittejjeb id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika fil-livelli kollha, b'konsiderazzjoni speċifika tal-interkonnessjoni u l-interoperabilità. Dawn ikopru s-sistema ġudizzjarja, l-amministrazzjoni tat-taxxa, is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, l-akkwist pubbliku diġitali, is-saħħa pubblika, is-settur tat-trasport, il-konservazzjoni tal-ekosistemi u l-bijodiversità, il-preservazzjoni tal-kosta u l-ġestjoni tal-ilma, u n-networks tal-elettriku.

Impatt dejjiemi

- (39) Skont l- Artikolu 19(3)(g) u mal-kriterju 2.7 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni li jkollu impatt dejjiemi fuq Spanja fil-biċċa l-kbira tiegħu (Klassifikazzjoni A).
- (40) Ir-riformi deskritti fl-RRP huma mistennija li jwasslu għal bidla strutturali fil-politiki rilevanti u fl-amministrazzjoni, b'mod partikolari billi jissaħħa is-suq tax-xogħol u tiġi mmodernizzata l-protezzjoni soċjali u billi jissaħħa il-funzjonament tal-amministrazzjoni, anki permezz tad-diġitalizzazzjoni tagħha. Fir-rigward tas-suq tax-xogħol, il-Pjan jippreżenta firxa wiesgħa ta' riformi mmirati biex jindirizzaw il-qgħad u s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, anki fl-amministrazzjoni pubblika. Dawn il-miżuri huma mistennija li jgħibu impatt dejjiemi, b'mod partikolari billi jipromwovu l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u jgħinu biex titnaqqas ir-rata għolja ta' qgħad li ilha teżisti, filwaqt li jikkontribwixxu għat-tishi tal-koeżjoni soċjali b'mod sostenibbli. Spanja tipprevedi wkoll riformi rilevanti fil-qasam tal-ħiliet, b'mod partikolari l-ħiliet diġitali, b'enfasi speċifika fuq it-titjib tal-ħiliet ta' dawk b'ħiliet baxxi u fuq it-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol f'konformità mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. L-isforzi biex tiġi mmodernizzata u mtejba l-effettività tal-protezzjoni soċjali jista' jkollhom effett li jdum fuq l-appoġġ għal parteċipazzjoni ogħla fis-suq tax-xogħol, l-istabbilizzazzjoni tad-dħul matul iċ-ċiklu ekonomiku, it-titjib tal-integrazzjoni soċjali u ekonomika ta' kulħadd, u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi. Id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika jenħtieġ li tissaħħa permezz ta' miżuri li jiżguraw li l-politiki pubbliċi jkunu soġġetti għal valutazzjonijiet tal-impatt u evalwazzjonijiet, anki għan-nefqa. Barra minn hekk, ir-riforma prevista tas-sistema tal-akkwist pubbliku u l-qafas tal-insolvenza jistgħu jappoġġaw allokkazzjoni aktar effettiva ta' fondi u assi fil-pajjiż.

- (41) L-RRP fih bosta investimenti li jappoġġaw l-innovazzjoni u jsaħħu l-modernizzazzjoni u l-kompetittività tal-industrija, b'mod partikolari l-SMEs, bil-ħsieb li jħallu impatt fit-tul. Il-miżuri jenħtieġ li jgħinu lil Spanja tħaddan aktar malajr il-prinċipji tas-sostenibbiltà u d-diġitalizzazzjoni. L-implimentazzjoni sħiħa tal-investimenti mistennija f'dawn l-oqsma għandha l-potenzjal li tpoġġi lid-ditti Spanjoli f'sitwazzjoni aħjar biex jikkompetu fis-swieq li ser joħorġu mit-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika, jiddekarbonizzaw l-industrija tradizzjonali u jagħtu spinta lil ekonomija ġdida effiċjenti u sostenibbli. L-RRP jinvesti fir-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini fi Spanja. Barra minn hekk, il-pjan ifittex ukoll li jikkontribwixxi għall-kisba ta' objettivi ta' dekarbonizzazzjoni u ta' kwalità tal-arja maqbula internazzjonalment permezz ta' azzjonijiet biex jittrasformaw l-ambjenti urbani. Dawn il-miżuri kollha ser jappoġġaw it-tranżizzjoni tal-enerġija ta' Spanja u jnaqqsu d-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija fit-terminu medju, filwaqt li jipproteġu l-kapital naturali u l-ekosistemi. L-impatt dejjiemi tal-RRP jista' jissaħħaħ ukoll permezz ta' sinerġiji bejn l-RRP u programmi oħra ffinanzjati mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari billi jiġu indirizzati b'mod sostantiv l-isfidi territorjali b'għeruq fondi u jiġi promoss żvilupp ibbilanċjat.

Monitoraġġ u implimentazzjoni

- (42) Skont l-Artikolu 19(3)(h) u mal-kriterju 2.8 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jiżguraw monitoraġġ u implimentazzjoni effettivi tal-RRP, inklużi l-iskeda ta' żmien prevista, l-istadji importanti u l-miri, u l-indikaturi relatati.

(43) L-arranġamenti nazzjonali għall-implimentazzjoni tal-RRP ta' Spanja ġew stabbiliti fid-Digriet-Liġi Rjali 36/2020 tat-30 ta' Diċembru li japprova miżuri urġenti għall-immodernizzar tal-amministrazzjoni pubblika u l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Rkupru. Kummissjoni għall-Irkupru, it-Trasformazzjoni u r-Reżiljenza, li tiġbor il-Ministri kollha kompetenti għall-RRP, hija inkarigata mill-gwida politika u jenħtieġ li tkun ippreseduta mill-President tal-Gvern. Segretarjat Ġenerali ġdid għall-Fondi Ewropej fil-Ministeru tal-Finanzi għandu jaġixxi bħala l-awtorità responsabbli għall-RRP. Dan il-korp jenħtieġ li jfassal talbiet għal ħlas lill-Kummissjoni, ladarba l-korpi responsabbli għall-kisba tal-istadji importanti u l-miri rilevanti jiddikjaraw li dawn intlaħqu, u l-Kontrollur Ġenerali Spanjol tal-gvern ċentrali (IGAE) jipprovdi aċċertament raġonevoli tal-ilħuq tagħhom. B'mod ġenerali, l-istadji importanti u l-miri proposti huma ċari u realistiċi u l-indikaturi proposti huma rilevanti, aċċettabbli u robusti. Barra minn hekk, is-sekwenzjar tal-istadji importanti huwa ċar biżżejjed biex jippermetti ħlasijiet u monitoraġġ tal-progress u jirrifletti antiċipazzjoni qawwija tal-miżuri, bil-biċċa l-kbira tal-istadji importanti u l-miri kkonċentrati fil-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-31 ta' Diċembru 2023. L-istadji importanti u l-miri huma rilevanti wkoll għall-miżuri li diġà tlestew u li huma eliġibbli skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. It-twertiq sodisfaċenti ta' dawn l-istadji importanti u l-miri maż-żmien huwa meħtieġ biex tiġi ġġustifikata talba għal żborż. Jenħtieġ li tiġi stabbilita u kondiviża sistema ta' informazzjoni integrata bejn l-amministrazzjonijiet rilevanti kollha.

- (44) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-appoġġ finanzjarju taħt il-Faċilità jiġi kkomunikat u rikonoxxut f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2021/241. L-appoġġ tekniku jista' jintalab taħt l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, biex jassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-RRPs tagħhom.

Kalkolu tal-kost

- (45) Skont l-Artikolu Artikolu 19(3)(i) u mal-kriterju 2.9 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP dwar l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP hija sa ċertu punt (Klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

¹ Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1).

(46) Spanja pprovdiet stimi tal-kost individwali għall-investimenti u r-riformi kollha b'kost assoċjat inkluż fl-RRP, filwaqt li bbażat ruħha fuq għadd ta' sorsi biex tiġġustifikahom. Dawn jinkludu sejħiet ta' interess immedija speċifikament għall-finijiet tal-RRP, referenzi esterni pprovduti minn organizzazzjonijiet internazzjonali, u kuntratti ta' akkwist li jirreferu għal servizzi simili jew investimenti fil-passat ta' natura simili. B'riżultat ta' dan, l-istimi tal-kost għall-biċċa l-kbira tal-miżuri fl-RRP huma meqjusa raġonevoli. Spanja użat għażliet ta' kostijiet issimplifikati fir-rigward kemm tar-rati fissi kif ukoll tal-kostijiet unitarji. Validazzjoni indipendenti fir-rigward tar-raġonevolezza tas-sehem sinifikanti tal-istimi tal-kost proposti ġiet ipprovduta mill-IGAE". L-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-pjan huwa konformi man-natura u t-tip tar-riformi u l-investimenti previsti. B'riżultat ta' dan, l-istimi tal-kost għall-biċċa l-kbira tal-miżuri fl-RRP huma meqjusa plawżibbli. Spanja pprovdiet biżżejjed informazzjoni u evidenza li l-ammont tal-kostijiet totali stmati mhux kopert minn finanzjament tal-Unjoni eżistenti jew ippjanat. Fl-aħħar, l-ammont ta' kostijiet totali stmati tal-RRP huwa proporzjonat għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

Ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

- (47) Skont l-Artikolu Artikolu 19(3)(j) u mal-kriterju 2.10 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP u l-miżuri addizzjonali fid-Deċiżjoni huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jipprevjenu, jiskopru u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jintużaw il-fondi previsti skont dak ir-Regolament, u l-arranġamenti huma mistennija li jevitaw b'mod effettiv il-finanzjament doppju skont dak ir-Regolament u minn programmi oħra tal-Unjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' strumenti u għodod oħra li jippromwovu u jinfurzaw il-konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess, u għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433I, p. 1).

- (48) Is-sistema ta' kontroll intern deskritta fl-RRP hija bbażata fuq proċessi u strutturi robusti, żviluppati preċedentament għall-monitoraġġ tal-fondi strutturali. Tidentifika b'mod ċar l-atturi u r-rwoli u r-responsabbiltajiet tagħhom għat-tweqqif tal-kompiti ta' kontroll intern. Il-IGAE huwa l-korp tal-awditjar, li ser jikkoordina wkoll il-ħidma tal-korpi regionali. L-IGAE u l-unitajiet ta' kontroll intern tal-awtoritajiet differenti huma l-atturi ewlenin responsabbli għall-kontroll u l-awditjar tal-RRP. B'kolloxx, is-sistema ta' kontroll u arranġamenti rilevanti oħra, inkluż għall-għir u d-disponibbiltà ta' data dwar il-benefiċjarji finali, huma adegwati fir-rigward tal-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jintużaw il-fondi skont ir-Regolament (UE) 2021/241 u biex jiġi evitat finanzjament doppju skont dak ir-Regolament u programmi oħra tal-Unjoni. Jenħtieġ li jiġi inkluż stadju importanti speċifiku sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tas-sistema ta' informazzjoni integrata, inkluża l-konformità mal-obbligu li tinġabar u tinħażen data dwar il-benefiċjarji finali, il-kuntratturi, is-sottokuntratturi u s-sidien benefiċjarji skont l-Artikolu 22 ta' dan ir-Regolament.
- (49) Spanja indikat li qed tiġi żviluppata sistema integrata għall-ġestjoni u r-rappurtar tal-istadji importanti u l-miri sabiex jiġu ssodisfati rekwiżiti speċifiċi ta' ġestjoni u rappurtar deskritti fl-RRP. Skont l-Artikolu 20(5)(e) tar-Regolament (UE) 2021/241, Spanja jenħtieġ li timplimenta din il-miżura sabiex tikkonforma mal-Artikolu 22 ta' dan ir-Regolament, u tikkonferma l-istatus tal-implimentazzjoni tagħha mal-ewwel talba għall-ħlas permezz ta' rapport tal-awditjar dedikat. Ir-rapport jenħtieġ li janalizza kwalunkwe dgħufija relatata misjuba u azzjonijiet korrettivi meħuda jew ippjanati.

- (50) Barra minn hekk, l-istabbiliment tal-proċedura u l-format tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-entitajiet tal-Istat, il-Komunitajiet Awtonomi u s-settur pubbliku lokali għall-monitoraġġ tal-proġetti u l-eżekuzzjoni tal-kontabbiltà tan-nefqa ddebitata lill-proġetti skont l-RRP jenħtieġ li jiġu stabbiliti bħala stadju importanti speċifiku li għandu jiġi ssodisfat sa mhux aktar tard minn meta titressaq l-ewwel talba għall-ħlas.

Koerenza tal-RRP

- (51) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(k) u mal-kriterju 2.11 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, fil-bieċa l-kbira tiegħu (Klassifikazzjoni A) l-RRP jinkludi miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment pubbliku li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.
- (52) L-RRP jippreżenta pakkett komprensiv u bbilanċjat ta' riformi u investimenti. Il-miżuri fil-komponenti jsaħħu lil xulxin, bil-komponenti kollha inkluż sett ta' riformi u investimenti bbilanċjati tajjeb. Barra minn hekk, il-miżuri huma wkoll ta' appoġġ reċiproku u komplementari fil-komponenti differenti. Fl-aħħar nett, l-RRP jipproponi sett wiesa' ta' riformi li b'mod ġenerali jenħtieġ li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-miżuri kollha fil-pjan billi jsaħħu r-regolamentazzjoni settorjali u l-klima tan-negozju. It-tisħiħ tal-istituzzjonijiet pubbliċi, b'sett ta' riformi li għandhom l-għan li jtejbu l-funzjonament u l-interoperabbiltà tal-amministrazzjoni pubblika, huwa mistenni li jiffaċilita t-twettiq effettiv tar-riformi u l-investimenti u jsaħħaħ ir-responsabbiltà lejn is-soċjetà ċivili. Miżuri mmirati lejn l-appoġġ ta' istituzzjonijiet u sistemi b'saħħithom tas-settur pubbliku huma wkoll essenzjali wkoll għas-saħħa u s-sostenibbiltà fiskali. Il-fatt li ħafna mir-riformi jenħtieġ li jkunu antiċipati għall-ewwel sentejn tal-pjan, bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-31 ta' Diċembru 2022, jenħtieġ li jippermetti l-implimentazzjoni effettiva tal-investimenti.

Ugwaljanza

- (53) Spanja pprovdiet informazzjoni estensiva dwar il-kontribut mistenni tal-RRP għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd u l-integrazzjoni ta' dawk l-oġettivi. L-RRP jiffoka ħafna fuq il-bilanċ bejn il-ġeneri, li huwa wieħed mill-erba' linji ta' azzjoni trasversali fl-RRP. Hemm miżuri differenti fl-RRP kollu b'impatt dirett fit-tnaqqis tad-disparità bejn il-ġeneri, bħall-promozzjoni ta' vokazzjonijiet speċjalizzati fit-teknoloġji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fost in-nisa, miżuri biex tingħata spinta lill-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' trasparenza fil-pagi u ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kumpaniji, żieda fl-offerta ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal, investimenti li jappoġġaw l-intraprenditorija tan-nisa u l-integrazzjoni soċjali u tax-xogħol tan-nisa minn gruppi vulnerabbli.

Awtovalutazzjoni tas-sigurtà

- (54) Spanja pprovdiet awtovalutazzjoni tas-sigurtà għall-investimenti fil-kapaċitajiet u l-konnettività diġitali, f'konformità mal-Artikolu 18(4), il-punt (g) tar-Regolament (UE) 2021/241. Fil-Komponent 15 (Konnettività Diġitali) tal-RRP, Spanja spjegat li bħala parti miż-żewġ riformi previsti skont dak il-Komponent, hija ser timplimenta r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1307¹ u l-liġi dwar ir-rekwiżiti biex tiġi żgurata s-sigurtà tan-networks u s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi 5G, u dik il-liġi ser tinkludi r-rakkomandazzjonijiet ewlenin tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Jannar 2020 intitolata "Introduzzjoni sigura tal-5G fl-UE - Implimentazzjoni tas-sett ta' għodod tal-UE".

¹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Settembru 2020 dwar sett ta' għodod komuni tal-Unjoni biex titnaqqas l-ispiża tal-implimentazzjoni ta' networks b'kapaċità għolja ħafna u biex jiġi żgurat aċċess f'waqtu għall-ispettru tar-radju tal-5G li jiffavorixxi l-investment (ĠU L 305, 21.9.2020, p. 33).

Proġetti transfruntiera u li jinvolvu aktar minn pajjiż wieħed

- (55) L-RRP Spanjol jinkludi miżuri li jenħtieġ li jippermettu li jsir progress fuq proġetti transfruntiera jew multinazzjonali eżistenti dwar it-trasport (TEN-T: konnessjonijiet ferrovjarji fil-kuritur tal-Mediterran u tal-Atlantiku u madwar il-Pirinej Ċentrali) u l-konnettività diġitali (permezz ta' kejbils sottomarini). L-RRP jinkludi wkoll miżuri li huma mistennija jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni ta' ditti Spanjoli fi proġetti transfruntiera jew multinazzjonali potenzjali, anki dwar proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni pjanati f'oqsma bħall-mikroproċessuri, l-idroġenu rinnovabbli, komunikazzjoni sigura bis-satellita u cloud tal-ġenerazzjoni li jmiss u edge computing.

Proċess ta' Konsultazzjoni

- (56) Kif meħtieġ mill-Artikolu 18(4), il-punt (q) tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP ta' Spanja jinkludi sommarju tal-proċess ta' konsultazzjoni mwettaq għat-tnejn u l-implimentazzjoni tiegħu. Fit-tnejn tal-Pjan, Spanja wettqet konsultazzjonijiet immirati mas-sħab soċjali, mal-partijiet ikkonċernati u mal-kunsilli konsultattivi. Spanja għamlet użu wkoll minn sejħiet għal espressjonijiet ta' interess biex tavviċina lin-negozji għat-tfassil tal-investimenti. Permezz ta' dawn is-sejħiet, l-awtoritajiet għabru firxa wiesgħa ta' proposti li jenħtieġ li jservu bħala l-bażi tal-proġetti strateġiċi li jenħtieġ li jiġu appoġġati mill-RRP.

(57) Sabiex tiġi żgurata s-sjeda mill-atturi rilevanti, huwa kruċjali li jiġu involuti l-awtoritajiet reġjonali u lokali u l-partijiet interessati kollha kkonċernati, inklużi s-sħab soċjali, matul l-implimentazzjoni tal-investimenti u r-riformi inklużi fl-RRP. L-iżgurar ta' sjeda usa' għall-implimentazzjoni tal-RRP jikkontribwixxi biex itejjeb l-effettività tiegħu u l-impatt fit-tul mistenni. Ir-Regolament (UE) 2021/241 jirrikonoxxi li l-awtoritajiet reġjonali u lokali huma sħab importanti għall-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti. Għall-implimentazzjoni tal-RRP, Spanja waqqfet Konferenza Settorjali għall-Irkupru, it-Trasformazzjoni u r-Reżiljenza biex tikkoordina r-reġjuni, l-entitajiet lokali u l-gvern ċentrali. Barra minn hekk, konferenzi settorjali eżistenti f'diversi oqsma ta' politika jenħtieġ li jappoġġaw l-implimentazzjoni fir-rigward ta' miżuri speċifiċi fil-qasam ta' kompetenza tagħhom. L-RRP jenfasizza li s-sħab soċjali ser jiġu kkonsultati fit-tfassil finali ta' għadd ta' miżuri rilevanti mħabbra fl-RRP, bħar-riformi tas-suq tax-xogħol u tas-sistema tal-pensjonijiet.

Valutazzjoni pożittiva

(58) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni dwar l-RRP Spanjol bil-kostatazzjoni li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tistabilixxi r-riformi u l-proġetti ta' investiment neċessarji għall-implimentazzjoni tal-pjan, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP fil-forma ta' appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (59) Il-kost totali stmat tal-RRP ta' Spanja hija ta' EUR 69 528 050 000. Billi l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241 u, barra minn hekk, billi l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għal Spanja, il-kontribuzzjoni finanzjarja allokata għall-RRP ta' Spanja jenħtieġ li tkun daqs l-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għal Spanja.
- (60) F'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal Spanja għandu jiġi aġġornat sat-30 ta' Ġunju 2022. Għaldaqstant, f'konformità mal-Artikolu 23(1) ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li ammont għal Spanja li ma jaqbix il-kontribuzzjoni finanzjarja massima msemmija fl-Artikolu 11(1), punt (a), ta' dak ir-Regolament isir disponibbli għal impenn legali sal-31 ta' Diċembru 2022. Fejn meħtieġ wara l-aġġornament tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jenħtieġ li jemenda din id-Deċiżjoni biex tinkludi l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata, ikkalkulata skont l-Artikolu 11(2) ta' dak ir-Regolament, mingħajr dewmien żejjed. .
- (61) L-appoġġ li għandu jingħata għandu jiġi ffinanzjat mill-għoti b'self mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni fuq il-bażi tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/20531. L-appoġġ jenħtieġ li jitħallas bi ħlasijiet parzjali ladarba Spanja tkun wettqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti rilevanti u l-miri identifikati b'rabta mal-implimentazzjoni tal-RRP.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1).

- (62) Spanja talbet prefinanzjament ta' 13 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja. L-ammont jenħtieġ li jsir disponibbli għal Spanja soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-ftehim previst fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 u skontu (il-"ftehim ta' finanzjament").
- (63) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kwalunkwe proċedura marbuta mal-ġoti ta' fondi tal-Unjoni skont kwalunkwe programm tal-Unjoni għajr għall-Faċilità - jew għal proċeduri marbuta ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma twarrabx il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP ta' Spanja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment permezz tal-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inklużi l-istadji importanti u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti relatati mat-twettiq tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tipprovdi aċċess sħiħ għad-*data* sottostanti rilevanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Kontribuzzjoni finanzjarja

1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni ta' Spanja kontribuzzjoni finanzjarja, fil-forma ta' appoġġ li ma jitħallasx lura, li tammonta għal EUR 69 512 589 6111. L-ammont ta' EUR 46 592 869 727 għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment sal-31 ta' Diċembru 2022. Jekk l-aġġornament previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 jirriżulta f'kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata għal Spanja li tkun ugwali għal EUR 69 512 589 611jew aktar, għandu jkun disponibbli ammont ieħor ta' EUR 22 919 719 884 biex jiġi impenjat legalment mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023. Jekk l-aġġornament previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 jirriżulta f'kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata għal Spanja li tkun anqas minn EUR 69 512 589 611, id-differenza bejn il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata u l-ammont ta' EUR 46 592 869 727 għandha tkun disponibbli biex tiġi legalment impenjata f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 20(8) tar-Regolament (UE) 2021/241 mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha ssir disponibbli mill-Kummissjoni lil Spanja fi ħlasijiet parzjali f'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni. Ammont ta' EUR 9 036 636 649 miljun għandu jkun disponibbli bħala ħlas ta' prefinanzjament, ugwali għal 13% tal-kontribuzzjoni finanzjarja. Il-prefinanzjament u l-ħlasijiet parzjali jistgħu jiġu żborżati mill-Kummissjoni f'segment wieħed jew aktar. Id-daqs tas-segmenti għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.
3. Il-prefinanzjament għandu jkun rilaxxat soġġett għad-dħul fis-seħħ u f'konformità mal-ftehim ta' finanzjament. Il-prefinanzjament għandu jitħallas billi jitnaqqas proporzjonalment mill-ħlas tal-ħlasijiet parzjali.
4. Ir-rilaxx tal-ħlasijiet parzjali f'konformità mal-ftehim ta' finanzjament għandu jkun kondizzjonali għall-finanzjament disponibbli u deċiżjoni mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/241, li Spanja tkun laħqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-RRP.Sabiex ikunu eliġibbli għal ħlas, Spanja għandha tlesti l-istadji importanti u tilħaq il-miri sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2026, soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-impenji legali msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 3
Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' Spanja.

Magħmul fi...

Għall-Kunsill
Il-President
